**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**David Bonnici**

Kaz Numru: 959/2013

Illum 28 ta' Frar 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat David Bonnici, ta' 35 sena, iben Walter u Theresa nee' De Giorgio, imwieled San Giljan, fl- 4 ta' Jannar 1977 u residenti 27 Campis Street Haz Zebbug, detentur ta' karta tal-identita' 83777(M):

Akkuzat talli nhar fid-29 ta' Mejju 2013 ghall-habta ta' 12:00 am gewwa 27 Triq Campis Haz Zebbug hebb ghal Walter Bonnici u ikkagunalu griehi ta' natura hafifa skont ma ccertifika Dr David Fenech Reg no 2555.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Art 383 tal-Kap 9 tal-Ligijjiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qieghed jigi akkuzat li kkaguna ferita hafifa fuq missieru Walter Bonnici li fid-data tal-incident kien diga' ghalaq is-sittin sena.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat ilu zmien twil jabbuza mid-droga u ghalhekk hekk kif xehed l-istess Walter Bonnici l-imputat kien kontinwament jitlob il-flus lil missieru. Dakinhar tal-incident sehh argument billi ghal darb'ohra l-imputat kien qieghed jippretendi li missieru jaghtih il-flus izda min-naha tieghu l-missier irrifjuta li jaghtih. Ghalhekk l-imputat aggredixxa lil missieru fizikament. Imbuttah mal-art u beda jaghtih bis-sieq. Kif ra hekk qabad u tah il-flus. Walter Bonnici mar jaghmel rapport fl-ghassa tal-Pulizija u kif ukoll mar il-poliklinika fejn gie ezaminat. Hemmhekk gie ccertifikat li sofra griehi hfief.

Din il-Qorti tqis li x-xhieda moghtija minn Walter Bonnici hija wahda kredibbli mhux biss ghaliex il-Qorti setghet tosserva l-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda, izda wkoll ghaliex mic-certifikat mediku ezebit jirrizultaw diversi feriti li proprju jikkoroboraw ix-xhieda tieghu.

Jirrizulta wkoll li dakinhar tal-incident Walter Bonnici kien ghalaq is-sittin sena.

Illi d-difiza kkontendiet li l-imputat ma kellux il-kontroll psikiku tieghu minhabba l-vizzju tad-droga. Din il-Qorti ma tqisx li dan gie ppruvat sal-grad tal-probabbli kif rikjest. D'altronde lanqas ifisser li ghaliex l-imputat kien qieghed jabbuza mid-droga huwa ma kienx jaf il-konsegwenzi ta' eghmilu.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tqis in-natura tar-reat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fatt li l-istess Walter Bonnici kkonferma li l-imputat ipprova diversi drabi jeghleb il-problema li ghandu izda ghalkemm beda aktar minn darba programm residenzjali u kien sejjer tajjeb izda lejn l-ahhar jerga' jaqa' ghall-vizzju. Ghalhekk din il-Qorti tqis li ghandha tpoggi lill-imputat

taht Ordni ta' Probation flimkien ma' Ordni ta' Trattament bil-ghan li huwa jinghata l-ghajnuna kollha possibbli u fl-istess hin ghandu jifhem li dan huwa l-ahhar cans li qieghed jinghata sabiex verament jirriforma ruhu.

Wara li semghet ix-xhieda tal-missier dwar kif kien il-komportament tal-imputat mid-data tal-incident sallum ma tqisx li hemm il-htiega li jigi applikat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 221(1), 222(1) u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu , izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2) skont id-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre' tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-hati ai termini tal-aritkolu 412D tal-Kodici Kriminali ghal zmien sentejn sabiex jigi mghejjun jeghleb il-vizzju tad-droga u jinghata kwalunkwe ghajnuna li tehtieglu.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk jikkometti reat iehor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat